Co-funded by the European Union

# TRAINING PACK FOR YOUTH WORKERS - CASE STUDIES



friends of the earth malta
iED Institute of Entrepreneurship Development
RESET
réseau tandemplus
Education Agency for Development and Innovation IDEA
SOCIAL ENTERPRISES

youthIES

Co-funded by the European Union

**Pakkett ta' Taħriġ għal Persuni li Jaħdmu maż-Żgħażagħ – Studji ta' Każijiet**

# IX-XOGĦOL TA' PERSUNI LI JAĦDMU MAŻ-ŻGĦAŻAGĦ

**WERREJ**


**L-1 STUDJU TA' KAŻ – *Programm t'Intervenzjoni Bbażata fil-Komunità għall-Kura tas-Saħħa Mentali ta' Persuni li Qed Ifittxu l-Ażil u Refuġjati fil-Greċja*** ....2
QAFAS ĠENERAL/DIKJARAZZJONI TAL-PROBLEMA....2
ATTIVITAJIET ....2
IMPATT....3
RITRATTI....4
**IT-2 STUDJU TA' KAŻ – *ZERO FOOD WASTE CYPRUS*** ....5
QAFAS ĠENERALI/DIKJARAZZJONI TAL-PROBLEMA ....5
ATTIVITAJIET ....6
IMPATT....7
RITRATTI....8
**IT-3 STUDJU TA' KAŻ – *IBLIET ŻGĦAŻAGĦ*****....9
QAFAS ĠENERALI/DIKJARAZZJONI TAL-PROBLEMA ....9
ATTIVITAJIET ....10
IMPATT....10
RITRATTI....11
**REFERENZI** ....12


friends of the earth malta · iED Institute of Entrepreneurship Development · RESET · réseau tandemplus · Education Agency for Development and Innovation IDEA · SOCIAL ENTERPRISES

**L-1 STUDJU TA' KAŻ –** ***Programm t'Intervenzjoni Bbażata fil-Komunità għall-Kura tas-Saħħa Mentali ta' Persuni li Qed Ifittxu l-Ażil u Refuġjati fil-Greċja***

QAFAS ĠENERAL/DIKJARAZZJONI TAL-PROBLEMA

Minħabba l-lokazzjoni ġeografika tagħha, il-Greċja hija meqjusa bħala destinazzjoni ideali ta' dħul għall-Ewropa minn persuni li qed ifittxu l-ażil, li jkunu ġejjin minn pajjiżi tal-Lvant Nofsani, l-Ażja, u l-Afrika. Skont stħarriġ Ewropew, il-Greċja hija fost l-ewwel mill-pajjiżi fl-Ewropa li jospitaw dawk li jfittxu l-ażil, bin-numru jlaħħqu l-120,000. L-immaniġġjar tal-influss tal-immigrazzjoni hija prijorità għall-Unjoni Ewropea, u hu għala partikolarment pajjiżi Ewropej huma msejħa biex jirrispondu għall-politiki implimentati.

Fil-Greċja, is-sistema governattiva u s-servizzi soċjali huma, bil-provi, impotenti u mhux adegwati biex ikampaw mal-influss enormi ta' refuġjati. Ma jistgħux jirrispondu għall-bżonnijiet dejjem jiżdiedu ta' dawk li jfittxu l-ażil, speċifikament fis-settur tas-saħħa, u speċjalment biex jipprovdulhom aċċess għas-servizzi tas-saħħa. Dawk li jfittxu l-ażil batew kundizzjonijiet ta' għajxien miżerabbli, irnexxilhom jgħixu minn gwerer, vjolenza, u faqar, u għaldaqstant jaffaċċjaw kwistjonijiet ta' saħħa mentali u disturbi post-trawmatiċi.

ATTIVITAJIET

Sa mill-2019, l-Assoċjazzjoni għall-Iżvilupp Reġjonali tas-Saħħa Mentali (EPAPSY), f'kollaborazzjoni mal-Kummissarju għar-Refuġjati tan-Nazzjonijiet Uniti (UNHCR), qegħdin jimplimentaw programm iddisinjat biex jilqa' għall-kwistjonijiet ta' saħħa mentali ta' dawk li qed ifittxu l-ażil u r-refuġjati ospitati fil-Greċja. Il-programm jipprovdi komunità ta' ħaddiema psikosoċjali f'Attica, proġett ta' appoġġ bejn il-pari fuq il-gżira ta' Samos, u jiffunzjona bħala Psychosocial Support Helpline li ġie estiż nazzjonalment.

Il-programm huwa approċċ innovattiv li ġie implimentat l-ewwel darba fil-Greċja peress li l-komunità tar-refuġjati/dawk li jfittxu l-ażil huma l-aġent ewlieni ta' din il-prattika. Speċifikament, professjonisti esterni psikosoċjali u tas-saħħa mentali ma ġewx impjegati biex jipprovdu appoġġ, kif ikun tradizzjonalment il-każ, iżda l-intervent hu ggwidat mill-komunità

tar-refuġjati/dawk li qed ifittxu l-ażil stess. L-assi u r-riżorsi tal-komunità tar-refuġjati/dawk li qed ifittxu l-ażil qed jiġu utlizzati, u għaldaqstant jiġu frankati l-flus u l-esternalizzazzjoni, u l-aġenti nfushom ikunu involuti attivament fl-indirizzar tal-kwistjonijet tal-komunità tagħhom, u b'hekk iħossuhom kunfidenti fihom infushom u utli fl-istess waqt. It-tim ta' refuġjati/dawk li qed ifittxu l-ażil li jipprovdu appoġġ ta' saħħa mentali u psikosoċjali ġew imħarrġa minn professjonisti u huma sorveljati matul it-totalità ta' ħidma tagħhom. Għaldaqstant, jinbena pont bejn il-komunità tar-refuġjati/dawk li qed ifittxu l-ażil u l-istituzzjonijiet professjonali biex b'hekk jitnaqqas id-distakk bejniethom, u b'hekk il-"vittmi" stess jissaħħu fil-proċess.

It-tim ta' ħaddiema t'appoġġ psikosoċjali fi ħdan il-komunità (CPW) jikkonsisti f'12-il refuġjat/persuni li qed ifittxu l-ażil, li jistgħu jikkomunikaw f'diversi lingwi u li jipprovdu s-servizzi tagħhom lil dawk li qegħdin fil-bżonn. L-ewwelnett, huma jwettqu evalwazzjoni ta' bżonnijiet biex jidentifikaw il-problemi li qed jaffaċċjaw in-nies u biex jippjanaw l-azzjonijiet tagħhom. L-irwol tagħhom hu li jipprovdu appoġġ psikoloġiku, li jinkoraġġixxu n-nies, li jagħtu parir fuq kif wieħed jaffaċċja sitwazzjonijiet tal-ħajja ta' kuljum, u biex jaġixxu bħala medjaturi bejn sitwazzjonijiet ta' sfida u ċentri speċjalizzati.

Il-proġett Samos Peer Support jinsab fil-fażi pilota tiegħu, fejn ħaddiema fuq is-sit jipprovdu taħriġ lil żgħażagħ li jgħixu f'kampijiet f'dak li għandu x'jaqsam ma' ħiliet ta' kura tas-saħħa mentali, sabiex aktar tard ikunu jistgħu jaġixxu ta' mentors għal individwi bħalhom jew jorganizzaw sessjonijiet ta' awto-għajnuna fil-komunità. F'dan ir-rigward, il-mezzi u r-riżorsi kollha tal-komunità huma utilizzati biex jirrisolvu u jnaqqsu kwistjonijiet ta' saħħa mentali. Is-Psychosocial Support Helpline kien inizjalment introdott matul il-pandemija biex jakkomoda l-bżonnijiet għall-aċċess ta' gruppi ta' rifuġjati vulnerabbli għal servizzi tal-kura ta' saħħa mentali. Taħt superviżjoni, it-tim ipprovda appoġġ sinifikanti lil dawn in-nies permezz tal-call centre.

IMPATT

Il-programm irċieva rikonoxximent uffiċjali mill-Kummissarju tar-Refuġjati tal-Nazzjonijiet Uniti bħala "Mudell t'Implimentazzjoni u Innovazzjoni" u issa espanda l-applikazzjoni tiegħu

għal refuġjati Ukreni f'żewġ ibliet maġġuri fil-Greċja. Fuq il-paġna uffiċjali tal-programm, huwa ddikjarat li total ta' 763 persuna bbenefikaw mill-programm, filwaqt li 1,948 individwu rċevew għajnuna sinifikanti mis-Pyschosocial Support Helpline. Abbażi tal-evalwazzjoni, il-kwestjonarju mqassam lil reċipjenti individwali tal-appoġġ, il-livelli ta' ansjetà u dipressjoni naqsu u dawn l-individwi esprimew is-sodisfazzjoni tagħhom bis-servizzi pprovduti.

RITRATTI



*Intervent ibbażat fil-Komunità għall-Kura tas-Saħħa Mentali ta' Dawk li Jfittxu l-Ażil u Refuġjati fil-Greċja– ΕΠΑΨΥ.* (n.d.). https://www.epapsy.gr/en/cpw-community-based-intervention-for-mental-health-care-of-asylum-seekers-and-refugees-in-greece /

## IT-2 STUDJU TA' KAŻ – *ZERO FOOD WASTE CYPRUS*

QAFAS ĠENERALI/DIKJARAZZJONI TAL-PROBLEMA

Għalhkemm pjan komprensiv ta' prevenzjoni u ġestjoni tal-iskart jinkludi firxa wiesgħa ta' kiwstjonijiet li jridu jiġu indirizzati, id-Dipartiment tal-Ambjent f'Ċipru ddeċieda li jiffoka fuq ir-riċiklar tal-plastik, karti, metall, ħġieġ, il-kollezzjoni separata u l-ġestjoni ta' skart organiku, u l-ħolqien ta' Punti Ħodor, inkluż ta' ċentri ta' użu mill-ġdid (ta' materjali).

Fl-Istrateġija għall-Ġestjoni tal-Iskart Muniċipali ta' Ċipru, li ġiet approvata mill-Kunsill tal-Ministri fl-2015, l-għan ewlieni huwa dak tas-separazzjoni u l-ġestjoni ta' materjal organiku. Speċifikament, 15% ta' skart muniċipali għandu jiġi miġbur separatament bħala skart organiku.

Skont id-Direttiva 1999/31/KE fuq l-użu tal-landfills għall-iskart, f'Ċipru, 75% tal-iskart bijodegradabbli li ġie mibgħut għad-dfin sal-2010 għandu jiġi kkumparat mal-ammonti ddikjarati fl-1995, 50% fl-2013, 50% sal-2013, u 35% sal-2016. Dawn il-persentaġġi jissarfu f'approssivament 203,000, 135,000, u 95,000 tunnellata ta' skart bijodegradabbli rispettivament biex jintbagħtu ġo landfills.[1] Sfortunatament, m'hemm l-ebda sforz komprensiv u kontinwu li b'suċċess akkwista l-kollezzjoni separata ta' skart organiku f'Ċipru u l-infrastruttura hija fqira u inadegwata.

F'Jannar 2023, il-gvern Ċiprijot ħabbar it-tnedija ta' sistema integrata tal-ġestjoni tal-iskart muniċipali permezz tal-Pjan ta' Ġestjoni tal-Iskart Muniċipali 2022-2028 (WWMP). Ċipru tinsab lura fir-rigward tal-għanijiet stabbiliti mill-UE għall-2030 fir-rigward tal-ġestjoni tal-iskart. Speċifikament, il-mira tar-riċiklar tal-iskart muniċipali għall-UE kien ta' 60% tal-ammont totali, u f'Ċipru, sal-2019, din ir-rata kienet biss ta' 18%. Għaldaqstant, numru ta' għanijiet relatati mal-ġestjoni tal-iskart organiku ġew indikati, inkluż:

[1] Isotech, 2019

- Li jiġu riċiklat tal-anqas 55% tal-iskart muniċipali skont il-piż sa l-2025, 60% tal-iskart muniċipali skont il-piż sal-2030, u 65% mill-iskart muniċipali skont il-piż tal-2035.
- Li titnaqqas il-ġenerazzjoni ta' ħela tal-ikel b'50% sal-2030.
- Li titnaqqas il-landfill ta' skart muniċipali b'10% jew inqas mill-ammont totali prodott sa 2035.[2]

ATTIVITAJIET

Fi Frar 2018, inizjattiva gwidata mill-individwi ġiet varata f'Nicosia, f'Ċipru, inizjattiva li segwiet fil-passi ta' azzjonijiet internazzjonali simili. Sabiex jiġu prevenuti gradwalment u eliminati ammonti grossi ta' ħela tal-ikel fil-gżira, Alexia, l-inizjatura ta' Zero Food Waste Cyprus, kelmet lill-bejjiegħa tal-ħxejjex u l-frott f'suq lokali fil-kapitali u saqsiethom biex jagħtu l-prodotti żejda tagħhom bħala donazzjoni. F'kollaborazzjoni mal-NGO Caritas, li pprovdiet il-post għad-distribuzzjoni, erba' xhur wara, din l-inizjattiva ġiet stabbilita. Kull nhar ta' Sibt, wara li s-suq lokali kien jagħlaq, il-prodotti żejda mogħtija bħala donazzjoni kienu jiġu mqassma u kkategorizzati f'bins, li kienu jiġu mkejla sabiex jinżammu rikordji fuq id-database. Il-prodotti organiċi li ma setgħux jintużaw aktar ġew komposti, filwaqt li dawk li kienu għadhom tajba ġew trasferiti lil knisja lokali fejn dawn ġew imqassma l-ewwelnett lil nies fi ħdan in-netwerk ta' Caritas. Gradwalment, però, u bl-għajnuna tal-midja soċjali, il-grupp ta' voluntiera espanda u l-inizjattiva bdiet issir virali, u beda jkollha aktar involviment minn nies li bbenefikaw mill-ħxejjex u frott żejda.

Il-grupp fil-mira kien jikkonsisti f'żgħażagħ immigranti, li kienu individwi singoli jew b'familja, u li kienu infurmati dwar l-inizjattiva permezz tan-netwerk ta' Caritas u bil-fomm.

[2] Nicolaou, 2023

Prattiċi sostenibbli ġew implimentati matul il-proċedura, per eżempju immigranti ġew inkoraġġuti biex iġibu basktijiet li jistgħu jerġgħu jintużaw biex iġorru l-prodotti, filwaqt li l-voluntiera użaw ir-riżorsi tagħhom biex jindirizzaw kull bżonn (e.ż. karozzi għat-trasportazzjoni tal-prodotti mis-suq sal-knisja).

Zero Food Waste Cyprus bħalissa espandiet fit-Tramuntana, il-parti okkupata tal-gżira, f'Girne, u għandha żewġ swieq ta' riżorsi. Din tagħti l-inizjattiva aspett bi-komunjali u soċjali, filwaqt li ġġib iż-żewġ komunitajiet flimkien biex jaħdmu fuq ħidma fuq kwistjonijiet ambjentali tal-gżira.

IMPATT

Skont id-database u r-rikordji tas-sit uffiċjali tal-inizjattiva, l-aktar xahar produttiv fl-2021 kien Novembru, b'aktar minn 3,000 kilo ta' frott u ħaxix jiġu salvati u mqassma. Il-prodotti ewlenin kienu l-ħass, il-qarabagħli, il-brunġiel, u t-tadam, avolja din tvarja skont il-perjodu u l-produzzjoni. Ir-rikordji mill-kollezzjoni u l-ammont ta' nies li bbenefikaw jiġu mħabbra kull nhar ta' Sibt, wara l-kollezzjoni/distribuzzjoni fuq il-paġna tal-midja soċjali ta' ZFWC. Bħala medja, kull nhar ta' Sibt, madwar 200 kilo ta' frott u ħxejjex jiġu miġbura u madwar 30-50 immigrant jibbenefikaw.

RITRATTI



Il-paġna ta’ Facebook ta’ ZFWC:
https://www.facebook.com/photo/?fbid=657159823251621&set=pb.100068728282889.-2207520000

**IT-3 STUDJU TA' KAŻ –** ***IBLIET ŻGĦAŻAGĦ***

QAFAS ĠENERALI/DIKJARAZZJONI TAL-PROBLEMA

Il-korp pubbliku ewlieni f'Ċipru responsabbli mill-promozzjoni t'opportunitajiet għal u għall-ingaġġ taż-żgħażagħ f'attivitajiet soċjali huwa l-Bord taż-Żgħażagħ ta' Ċipru (ONEK). Dan il-bord ġie mwaqqaf fl-1994 bl-għan li jipprovdi liż-żgħażagħ b'opportunitajiet varji għal ċittadinanza attiva fis-soċjetà. F'ħidma fuq diversi proġetti ffinanzjati mill-UE, ONEK implimenta ħafna attivitajiet relatati maż-żgħażagħ biex itihom vuċi u rwol attiv fuq it-teħid tad-deċiżjonijiet u l-iżvilupp ekonomiku u kulturali tal-komunità tagħhom, filwaqt li jibni pont bejn iż-żgħażagħ u aġenziji pubbliċi u privati. Hi tipprovdi wkoll opportunitajiet għall-workshops li jiffukaw fuq il-bini ta' kapaċità, kif ukoll it-titjib tal-kwalifikazzjonijiet taż-żgħażagħ biex jidħlu fis-suq tax-xogħol.

Sa mill-2017, ONEK wettqet il-kordinazzjoni u l-implimentazzjoni tal-Istrateġija Nazzjonali taż-Żgħażagħ (2017-2022), li hija l-ewwel dokument ta' politika indirizzata liż-żgħażagħ f'Ċipru. Huma wettqu wkoll riċerka biex jidentifikaw il-bżonnijiet taż-żgħażagħ u biex jaġixxu bħala konsulenti biex jipprovdu gwida, konsultazzjoni, u diskussjonijiet miftuħa fuq diversi kwistjonijiet, dejjem bil-parteċipazzjoni jew rappreżentanza taż-żgħażagħ. Fost l-attivitajiet ta' ONEK hemm it-twaqqif ta' gruppi ta' ħidma bil-mira li jippromwovu xogħol taż-żgħażagħ f'Ċipru.

Wieħed mill-programmi inizjati minn ONEK u li bħalissa qed jiġi mwettaq b'kollaborazzjoni mal-muniċipalitajiet u NGOs jissejjaħ "YoungCities". Il-programm "YoungCities" huwa opportunità biex jiġu appoġġjati ekonomikament muniċipalitajiet fejn iż-żgħażagħ se jaħsbu u jimplimentaw idea li tibbenefika l-komunità. Il-programm "YoungCities" hija inizjattiva innovattiva u parteċipatorja immersiva li tiffoka fuq it-tisħiħ u l-involviment kreattiv taż-żgħażagħ fl-indirizzar tal-isfidi fil-komunità lokali tagħhom.[3]

[3] https://onek.org.cy/en/programmata-ypiresies/ethelontismos-symmetochi/young-cities/

ATTIVITAJIET

Il-programm ġie implimentat f'żewġ fażijiet, b'ħidma ma' 3 muniċipalitajiet bħala l-parteċipanti [il-muniċipalitajiet ta' Aglantzia, Deryneia, u Athienou – 2020-2021), il-Komunitajiet ta' Evrychos, Agios Theodoros, u Pachnas (2021-2022)].

In segwitu tal-għanijiet tal-Istrateġija Nazzjonali għaż-Żgħażagħ, il-programm jiffoka fuq il-ħolqien ta' bliet "żgħażagħ", fejn iż-żgħażagħ iwittu t-triq għal rakkomandazzjonijiet ta' politika skont il-bżonnijiet tagħhom u għall-benefiċċju tas-soċjetà billi jipparteċipaw f'konsultazzjojnijiet pubbliċi u jtejbu l-ħiliet tagħhom. Dan jirriżulta fil-promozzjoni ta' kultura ta' ċittadinanza attiva. Il-metodoloġija utilizzata hija bbażata fuq l-iskambju tal-ideat permezz tal-formazzjoni ta' gruppi ta' brainstorming, li jidentifikaw sfidi u kwistjonijiet, u li jippjanaw azzjonijiet. Biex dan jiġi akkwistat, huwa importanti li tinbena kollaborazzjoni ma' fatturi esterni, bħal partijiet interessati u aġenziji pubbliċi/privati.

Il-programm ġie implimentat minn żgħażagħ ta' bejn l-etajiet ta' 14-35 minn tliet muniċipalitajiet, li huma attivament involuti fil-korpi paterċipatorji, bħall-Kunsilli taż-Żgħażagħ tal-Muniċipali u tal-Komunità. Fl-ewwel fażi/ċiklu, iż-żgħażagħ kellhom l-opportunità li jimplimentaw interventi komunitarji wara li pparteċipaw f'programm ta' taħriġ t'10 ġimgħat. Huma ffurmaw u ħadmu fi gruppi fejn iddiskutew, identifikaw, u pprijoritizzaw il-bżonnijiet tal-komunità, u ssuġġerew soluzzjonijiet possibbli biex jiġu affaċċjati kwistjonijiet f'kollaborazzjoni ma' aġenti oħra u jippreparaw kors t'azzjoni. Il-parteċipanti żgħażagħ bnew pjan t'azzjoni b'għanijiet stabbiliti minn qabel, prijoritajiet, kors t'azzjoni, distribuzzjoni ta' inkarigi, u skeda ta' żmien. Il-programm ġie implimentat b'suċċess fl-ewwel ċiklu u ġie inkuraġġut minn ONEK biex jiġi varat mill-ġdid f'żoni rurali.

IMPATT

Matul l-ewwel ċiklu tal-implimentazzjoni tal-programmi, kien hemm interess mhux mistenni għall-parteċipazzjoni. Minn tliet muniċipalitajiet li pparteċipaw, 63 persuna ġew ingaġġati—37 mara u 26 raġel. Is-suċċess tal-ewwel ċiklu wassal biex jiġi varat it-tieni ċiklu, u issa t-tielet wieħed qed jiġi implimentat.

Il-grupp taż-żgħażagħ tal-Muniċipalità ta' Deryneia ssottometta proposta għall-ħolqien ta' "Polycenter għall-Iżvilupp u l-Impjieg taż-Żgħażagħ" lokali. Dan iċ-ċentru se jospita programmi, workshops, u se jiffunzjona bħala spazju mgħammar b'teknoloġiji moderni biex joffri liż-żgħażagħ post fejn jistgħu jirrealizzaw l-ideat u l-azzjonijiet tagħhom. Il-proposta tal-grupp Aglantzia Youth kienet tikkonċerna "It-Titjib Artistiku tal-Inħawi t'Aglantzia" permezz ta' graffiti, installazzjonijiet, u kreazzjonijiet ipprovduti mill-artisti lokali u voluntiera involuti. Fl-aħħarnett, il-Grupp taż-Żgħażagħ ta' Athienou ssuġġerixxa titjib teknoloġiku għall-"Polycenter taż-Żgħażagħ ta' Athienou" biex dan iservi l-bżonnijiet taż-żgħażagħ u jaħdem bħala post komdu għall-istudju u attivitajiet oħra.

RITRATTI




Miġjuba minn: https://youngcities.org/%cf%84%cf%81%ce%af%cf%84%ce%b7-30-3-2021-%cf%84%ce%b5%ce%bb%ce%b9%ce%ba%ce%ae-%ce%b5%ce%ba%ce%b4%ce%ae%ce%bb%cf%89%cf%83%ce%b7-young-cities-%cf%83%cf%84%ce%bf-%ce%b4%ce%ae%ce%bc%ce%bf-%ce%b4%ce%b5/

## REFERENZI


https://onek.org.cy/en/programmata-ypiresies/ethelontismos-symmetochi/young-cities/

https://www.epapsy.gr/en/cpw-community-based-intervention-for-mental-health-care-of-asylum-seekers-and-refugees-in-greece/

https://youngcities.org/

https://zfwcy.org/

Isotech, (2019) *Guidelines to Local Authorities for the Establishment of an Organic Kitchen Waste Collection System*, Retrieved from https://shorturl.at/bluRV

Nicolaou, A. (2023, January) Έτοιμη η Κύπρος να αντιμετωπίσει την πρόκληση των αποβλήτων. *Philenews*. Retrieved from https://www.philenews.com/kipros/koinonia/article/1228660/etimi-i-kipros-na-antimetopisi-tin-proklisi-ton-apovliton/

Co-funded by the European Union

youthIES

**Sħab:**

DIKJARAZZJONI TA' RINUNZJA: Din il-pubblikazzjoni tirrifletti biss il-veduti tal-awtur, u l-Kummissjoni ma tistax tinżamm responsabbli għal kwalunkwe użu li jista' jsir mill-informazzjoni li tinsab fiha [Numru tal-proġett: 2022-2-FR02-KA220-YOU-000099414]